SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 3509

Ilum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fis-6.00pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Joseph Bonello u Paulette Gafa'.

### ASSENTI

Il-Kunsilliera Caroline Galea kienet skużata minħabba mpenji marbuta mal-kariga tagħha.

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3409 li saret nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 *Traffic Count f'Luqa Bye-Pass*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tat-*traffic count* li l-ADT kellha tagħmel fl-*Luqa Bye-Pass*. Is-Sindku nfurmah li s' issa ma kien hemm xejn u li l-Kunsill ser jibqa' f'kuntatt ma' l-ADT f'dan ir-rigward.

### 1.1.2 *Survey Ġbir ta' Skart*

Il-Kunsilliera Paulette Gafa' staqsiet dwar is-*survey* li kellu jsir fir-rigward tal-ġbir ta' skart domestiku. Is-Sindku qal li kien għadda d-*data* lil Kumpanija li kienet ġiet inkarigata minn dan is-*survey* u li l-proċess beda.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009 u t-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1520/09/O – Malta Transport Authority – *Road Humps*: Triq Katerina Vitale
- 1521/09/O – Malta Transport Authority – *Road Humps*: Triq il-Begonja
- 1549/09/O – Malta Transport Authority – *No Entry Signs*; Triq l-iStella Maris

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1523/09/I – Il-Kurja ta' l-Arċisqof – Kunċert tal-Milied
- 1524/09/I – APS Bank – *Garnishee Order*
- 1534/09/I – Manager, The Palace Hotel – *Advert Barter Agreement*
- 1546/09/I – Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment – Ġnien is-Serenita'
- 1547/09/I – Kummissarju tal-Pulizija – "*Santa Luċija Animal Appreciation Day*"
- 1556/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Bye-Laws* dwar l-Amministrazzoni ta' Ġnien is-Serenita'
- 1564/09/I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – Skema Fondi għall-Proġetti Speċjali
- 1571/09/I – WasteServ Malta Ltd. – *Leasing Agreement of BIS Bins*
- 1572/09/I – Ronald Bezzina – Ġbir ta' Skart fil-Festi
- 1573/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni 2010
- 1575/09/I – MEPA – PA 04720/09
- 1580/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ġemellaġġ ma' Lumpiaque fi Spanja
- 1584/09/I – Favorite Channel – Donazzjoni
- 1588/09/I – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – *Garnishee Order*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- Dipartiment għall-Gvern Lokali – Rapport ta' l-Ispezzjonijiet – Latrina Pubblika
- *Memo* SLLC 23/2009 – *Garnishee Order*
- *Memo* SLLC 24/2009 – Fuljett
- *Memo* SLLC 25/2009 – *Filming* tal-Kunċert tal-Milied

## 3. PUNTI IMQAJMA

3.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1523/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Arċisqof ma setgħax jilqa' l-istedina tal-Kunsill biex ikun preżenti għal Kunċert tal-Milied.

3.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1534/09/I il-Kunsill laqa' l-offerta li saret mill-*management* ta' The Palace Hotel u qabel li jinkludi reklam fin-*newsletter* li jmiss.

3.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1546/09/I is-Sindku rrefera għall-proposta li l-Kunsill għamel lil Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Nvestiment fir-rigward ta' xogħol ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li l-Kunsill għal darb'oħra kien kiteb lil Ministru biex jinfurmah li fuq dan il-proġett hemm il-koperazzjoni ta' l-Ambaxxata Ċiniża.

3.4 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1547/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba tal-Kunsill biex issir wirja mid-*Dog's Section* tal-pulizija ma ġietx milqugħa.

3.5 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1556/09/I il-Kunsill qabel li l-*Bye-Laws* tal-2009 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' għandha titneħħa l-kelma *"soċjo-politiku"* peress li din il-klawsola ma ġietx milqugħa.

3.6 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1564/09/I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni għal fondi taħt l-iskema 'Fondi għall-Proġetti Speċjali' fejn il-Kunsill ressaq proġett ta' *upgrading* tal-Masġar Karl Chircop. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord tal-Evalwazzjoni għall-iskema ma sabx l-applikazzjoni tal-Kunsill eleġibbli għall-fondi.

3.7 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1571/09/I il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-WasteServ dwar il-kiri ta' *bring in site bins*. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha titlob laqgħa ma' rappreżentanti tal-WasteServ biex tiġi diskussa din il-proposta.

3.8 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1573/09/I il-Kunsill kien infurmat bil-korrispondenza li waslet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni 2010.

3.9 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1572/09/I il-Kunsill laqa' t-talba tal-kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart biex fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena ma jsirx il-ġbir ta' skart domestiku. Għandu jsir avviż fin-*newsletter* biex ir-residenti jkunu avżati b'dan.

3.10 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1575/09/I saret referenza għall-applikazzjoni PA 04720/09 fir-rigward tas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux. Il-Kunsill

ġie nfurmat li l-MEPA qed titlob *method statement* li jkopri x-xogħol kollu li qed jiġi propost. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-arranġamenti biex jiġu kkummissjonati nies esperti biex iħejju dan il-*method statement*.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1580/09/I il-Kunsill qabel ma' r-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li la darba l-ġemellaġġ ma' Tulcea fir-Rumanija qatt ma ġie fis-seħħ għandu jitneħħa mill-lista ta' ġemellaġġi li għandu l-Kunsill.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1584/09/I il-Kunsill ma laqgħax talba għal donazzjoni peress li l-liġi tal-Kunsilli ma tippermettix dan.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1524/09/I u 1588/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill li skond informazzjoni li tah l-Uffiċċjal Awtorizzat, il-mandat ta' sekwestru numru 1921/09 kien ġie revokat.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Apprezzament*

Is-Sindku qal li xtaq jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn is-Sinjura Ċensina Zahra li bħal snin oħra offriet li b'mod volontarju tagħti l-*injections* ta' kontra l-Influenza lil madwar erba' mitt resident f'Santa Luċija. Huwa qal li f'dawn il-jiem ta' festi xtaq jieħu l-opportunita' biex f'isem il-Kunsill jagħti *hamper* żgħir lis-Sinjura Zahra bħala turija ta' apprezzament għas-servizz li tagħti lir-residenti ta' kull sena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.2 *Avviż ta' safar*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser ikun imsiefer bejn it-23 ta' Diċembru 2009 u l-5 ta' Jannar 2010.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2873 sa numru BOV2887 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Novembru CM35(01).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3409.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2009 Ammont *Gross* €4634.28

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES Oct.09 | 101.67 |
| Vodafone Malta Ltd. | 321952 | CM-PABX Oct.09 | 87.80 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Mayor Oct.09 | 180.88 |

6. **KUNTRATT – Kisi ta' Toroq u Xogħol ta' *Patching* (RR/PW) 57/09/05**

Is-Sindku rrefera għall-offerti għal kuntratt hawn fuq imsemmi li għalaq f'nofsinhar ta' llum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009. Huwa qal li għal dan il-kuntratt kienu ntefgħu erba' offerti mill-ħamsa li nġabru. Huwa qal li l-kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom kienu Polidano Brothers, Asfaltar Construction, Philip Aguis & Sons u Alfred Schembri and Sons. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jħejji *Adjudication Report* ta' dawn l-offerti liema rapport għandu jitressaq għal attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

7. **KUNTRATT – Ġbir ta' Skart Goff (BR) 57/09/03**

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offeri li għalqu f'nofsinhar ta' llum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009. Għal dan il-kuntratt intefgħu tlett offerti kif ġej:

| **Kuntrattur** | **Offerta** | **Rimarki** |
|---|---|---|
| Caruana Ronald | €3.25 *per call* | Ma kienx hemm *bid bond* ma' din l-offerta |
| Twanny Barun | €0.60 *per item* | |
| Euro Clean Services | €3.85 *per call up to 4 items* | |

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offerti u qabel li jagħti dan il-kuntratt lil Twanny Barun peress li l-offerta tiegħu kienet l-orħos waħda.

8. **KUNTRATT – Installazjoni u Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq (SL) 57/09/04**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li għal dan il-kuntratt li l-offerti għalih kienu għalqu llum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009, kienet intafgħat offerta waħda biss. Il-Kuntrattur li ssottometta l-offerta tiegħu kien Nexos Street Lighting Ltd. Is-Segretarja Eżekuttiva għanda tqabbel ir-rati tal-kuntratt eżistenti u r-rati li ġew sottomessi f'din l-offerta u tinforma lill-Kunsill.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Upgrading ta' bankini*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntrattur Karmig Trading Ltd. kien ser ikompli bix-xogħol fuq bankini. Huwa qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar ser jibda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Ġuljetta Lopeż u jkompli bl-*upgrading* ta' bankini oħra skond ma' jindikalu l-Kunsill.

### 9.2 *Xogħol fuq il-Pump Room fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ix-xogħol estensiv li hemm bżonn isir fil-*pump room* li hemm fejn il-funtana l-kbira fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li skond rapport tekniku li għandu l-Kunsill din tinsab fi stat perikoluż ħafna minħabba l-umdita' u ħsarat fis-*switchgear* li mhux addadat għal ambjent umdu li hemm fil-*pump room*. Huwa qal li l-Kunsill ingħata l-parir li hemm bżonn isir tindif mill-għeruq tas-siġar li akkumulaw matul is-snin u tiġi nstallata sistema elettronika ġdida li tkun *water tight* u li tkun 100% *safe* f'ambjent daqsekk umidu. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa ħa ħsieb li jiġi ordnat bieb ġdid tal-metall iggalvanizzat biex ma jibqax jidħol ilma tax-xita. Is-Sindku qal li minħabba dan ix-xogħol irid isir b'urġenza biex jiġi eliminat il-periklu, diġa ġabru tlett kwotazzjonijiet li jidhru hawn taħt biex ikun jista' jinxtara materjal elettriku li hemm bżonn.

| ***SUPPLIER*** | ***QUOTATION*** | ***PRICE*** | ***REMARKS*** |
|---|---|---|---|
| *E.CALLEJJA & SONS* | *ITEMS FOR REPAIRS OF PUMP ROOM IN CHINESE GARDEN* | €1012.740 *VAT INC* | *VARIOUS ITEMS NOT AVIALABLE* |
| *ELECTRA* | *ITEMS FOR REPAIRS OF PUMP ROOM IN CHINESE GARDEN* | €1176.32 | *NOTTO SPECS AS REQUIRED BY TECHNICIAN* |
| *HYDROELECTRIC* | *ITEMS FOR REPAIRS OF PUMP ROOM IN CHINESE GARDEN* | €1834.33 | *LESS 5% DISCOUNT* |

Il-Kunsill qabel li jimxi fuq il-parir tekniku tal-kuntrattur Nexos u għażel il-kwotazzjoni ta' Hydroelectric li tinkludi l-apparat kollu li hemm bżonn għal dan ix-xogħol.

## 9.3 *Vending Machine*

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' kuntrattur GCL Vending li qed joffri li jpoġġi *vending machine* għas-*soft drinks* fi Ġnien is-Serenita'. Dan il-kuntrattur offra li jħallas lil Kunsill €116.47 għal darba u €0.10 għal kull flixkun mibjugħ. Il-Kunsill qabel ma' din l-offerta u għandu jsir kuntratt li jiġġedded minn sena għal sena.

## 9.4 *Oħrajn*

**9.4.1** Il-Viċi Sindku rrefera għal rampa li tagħti għal garaxxijiet li hemm taħt numru ta' appartamenti li nbnew dan l-aħħar fi Triq il-Prinjoli. Huwa qal li hemm min qed jipparkja l-vettura tiegħu b'tali mod li jostakola d-dħul u l-ħruġ ta' dan l-aċċess.

**9.4.2** Il-Kunsillier Bonello ppropona li jsiru żewġ *bollards* quddiem Blokk A u Blokk B fi Triq Tursin il-Bir. Huwa qal li quddiem l-entratura ta' Blokk A hemm bżonn ta' *hatching lines*.

## 10. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Is-Sindku qal li nxtegħlu l-*areas* ta' fejn il-ħwienet u ta' Pjazza 7 ta' Lulju għal dawn il-ġranet ta' festi. Huwa qal li l-attivita' li jmiss hija dik ta' l-anzjani u qal ukoll li l-attivita' għat-tfal ġiet posposta għal data oħra.

## 11. TMIEM / AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2010 fis-7.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** Il-Ħamis,
21 **ta'** Jannar **2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**